**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 33**

L-Erbgħa, 15 ta' April 2026

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-4.55 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor Adrian Delia, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Davina Sammut Hili (Sostitut tal-Onor. Andy Ellul), l-Onor. Amanda Spiteri Grech, l-Onor. Julie Zahra u l-Onor. Stanley Zammit kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 32 li saret fil-15 ta' Diċembru 2025 kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR MARCO MICALLEF GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA RESIDENTI GĦALL-ISTATI UNITI TAL-AMERIKA**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borġ, datata 10 ta' Marzu 2026, dwar in-nomina tas-Sur Marco Micallef għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta Residenti għall-Istati Uniti tal-Amerika.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Micallef sabiex jidher quddiem il-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Marco Micallef daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Micallef li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Marco Micallef kien mitlub jagħmel introduzzjoni qasira u wara wieġeb għall-mistoqsijiet supplimentari li saru mill-membri preżenti. Huwa tkellem dwar l-esperjenza tiegħu mar-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta fi Brussell, fil-ħidma tiegħu mal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u Proġetti Kapitali u fil-preżent bħala Head of Secretariat fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu.

Fost is-suġġetti li ssemmew waqt id-diskussjoni, kien hemm l-isfidi diplomatiċi fis-sitwazzjoni ġeo-politika kurrenti u l-aktar taħt l-amministrazzjoni preżenti fl-Istati Uniti.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Marco Micallef u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu *in camera*.

Fil-5.33 p.m. il-laqgħa kienet sospiża u rriżumiet fil-5.35 p.m.

Meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Marco Micallef għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta Residenti għall-Istati Uniti tal-Amerika, il-membri kollha tal-Kumitat ivvutaw favur.

Is-Sur Marco Micallef kien mistieden jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Micallef daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li kien hemm qbil unanimu fil-Kumitat dwar in-nomina tiegħu għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta Residenti għall-Istati Uniti tal-Amerika u li l-Kumitat kien se jibgħat il-parir tiegħu favur din in-nomina, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa, lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Marco Micallef irringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

## SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SA ROSEANNE CAMILLERI GĦALL-ĦATRA TA' AMBAXXATUR TA' MALTA MHUX RESIDENTI GĦAL LIECHTENSTEIN

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, datata 10 ta' Marzu 2026, dwar in-nomina tas-Sa Roseanne Camilleri għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta Mhux Residenti għal Liechtenstein.

Il-Kumitat stieden lis-Sa Camilleri sabiex tidher quddiem il-Kumitat biex isirulha mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kienet bagħtet lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sa Roseanne Camilleri daħlet fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sa Camilleri li d-domandi u t-tweġibiet tagħha kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sa Roseanne Camilleri kienet mitluba tagħmel introduzzjoni qasira u wara wieġbet għall-mistoqsijiet supplimentari li saru mill-membri preżenti. Hija tkellmet dwar l-esperjenza professjonali tagħha fil-karigi li kienet tokkupa.

Fost is-suġġetti li ssemmew waqt id-diskussjoni, kien hemm ir-responsabilitajiet li s-Sa Camilleri kellha fil-passat bħala Chief Executive Officer, Primary Health Care inkonnessjoni ma' nfiq fuq proġetti ta' ċentri tas-saħħa u allegazzjonijiet li kienu saru f'dak ir-rigward, kif ukoll fuq il-viżjoni tagħha f'każ li tkun maħtura fil-kariga li kienet qed tiġi nominata għaliha.

Il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sa Camilleri u talabha sabiex tirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tagħha *in camera*.

Fis-6.01 p.m. il-laqgħa kienet sospiża u rriżumiet fis-6.06 p.m.

Meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sa Roseanne Camilleri għall-ħatra ta' Ambaxxatur ta' Malta Mhux Residenti għal Liechtenstein, kien irreġistrat nuqqas ta' qbil fil-Kumitat u għaldaqstant ittieħed vot.

Il-Kumitat ivvota hekk:

| | |
|---|---|
| **VOTAZZJONI NRU: 10** | **ĦIN: 6.06 p.m.** |
| **Favur: 4** | **Kontra: 3** |
| **L-Onor.** | **L-Onor.** |
| Agius Chris | Delia Adrian |
| Farrugia Omar | Zahra Julie |
| Sammut Hili Davina | Zammit Stanley |
| Spiteri Grech Amanda | |

In-nomina kienet approvata.

Is-Sa Roseanne Camilleri kienet mistiedna tidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sa Camilleri daħlet fil-kamra tal-Kumitat u ġiet informata li l-Kumitat, wara votazzjoni, kien approva n-nomina tagħha għall-kariga ta' Ambaxxatur ta' Malta Mhux Residenti għal Liechtenstein u li l-Kumitat kien se jibgħat il-parir tiegħu favur din in-nomina, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa, lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sa Roseanne Camilleri rringrazzjat lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtirat mill-kamra tal-Kumitat.

Fis-6.08 p.m. il-Kumitat ikkonkluda u aġġorna.

**JOSANNE PARIS**
**GĦALL-ISKRIVAN TAL-KAMRA**

***MHUX KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**

* *Minuti mhux konfermati fid-dawl tax-xoljiment tal-Parlament fis-27 ta' April 2026.*